# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-Erbgħa, 02 ta' Ġunju 2021

## Talba numru 63/2020SFJ

***Sancho Limited (C73506)***
***vs.***
***Christopher sive Chris Cachia (156369M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 ta' Frar 2020 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' elf u erba' mija u sittax-il Ewro (€1,416.00) bl-imgħax mid-data meta l-ammont sar dovut sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

Ra li fl-Avviż tat-Talba, is-soċjetà attriċi spjegat li l-ammont kien dovut lilha wara li hi kienet wettqet xogħol ta' disinn u żvilupp ta' identità għad-ditta "Black" kif ukoll xogħol ta' iddisinjar ta' *business cards*, *letterheads* u *e-mail signature* fost affarijiet oħrajn. Dan ix-xogħol sar fuq struzzjonijiet tal-konvenut bis-saħħa ta' ftehim bejn il-kontendenti.

Ra l-*invoice* datata 25 ta' Frar 2019 (fol. 2) li kienet tgħid li l-ħlas tal-ammont relattiv kellu jsir tas-27 ta' Marzu 2019. L-*invoice* kienet maqsuma hekk:

| | |
|---|---|
| *Design and development of BLACK identity* | €950.00 |
| *Design of stationery items* | €250.00 |
| *Subtotal* | €1,200.00 |
| *VAT* | €216 |

| | |
|---|---|
| ***Total*** | **€1,416** |

Ra r-Risposta ppreżentata fil-11 ta Marzu 2020 li permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

i. Li Christopher Cachia ma kienx leġittimu kontradittur stante li ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà attriċi u konvenut, u dan skont l-*e-mail* a fol. 8 tal-proċess; u

ii. Li mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-ammont relattiv ma kienx dovut stante li s-servizz ġie tterminat qabel tlesta x-xogħol, u dan kif jidher mill-*e-mails* a fol. 9 sa 15 tal-proċess.

Ra li fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021 (fol. 185), it-Tribunal ivverbalizza li peress li kienu ntilfu ċerti kontro-eżamijiet u anki eżamijiet ta' ċerti xhieda, dakinhar kellhom jerġgħu jinstemgħu.

Ra li fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021 (fol. 184) il-partijiet iddikjaraw l-għeluq tal-provi u qablu li l-kawża setgħet tmur għas-sentenza.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-30 ta' April 2021.

**<u>Provi mressqa</u>**

**Mario Cachia** xehed fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2020 li s-soċjetà attriċi, li tagħha hu kien azzjonist, tipprovdi servizzi fil-qasam ta' *digital marketing* u kreattività. Il-qasam tagħha kien dak ta' *graphic design, marketing,* reklamar u affarijiet simili. Qal li hu sar jaf lill-konvenut għall-ħabta ta' Marzu 2018 u eventwalment, fis-16 ta' Marzu 2018, saret laqgħa fl-uffiċċju tas-soċjetà attriċi. Minn din il-laqgħa introduttorja, ħareġ li s-soċjetà attriċi kienet ser tkun inkarigata tagħmel:

i. *Marketing services* għal Kristine Bonnici, li kienet *interior designer*; u
ii. Żvilupp ta' identità ta' ditta (*brand identity*) għal proġett ġdid bl-isem "Black".

Ġiet esebita stima mmarkata dokument "MC1" (*e-mail* a fol. 27). Dwar dak imsemmi fl-ewwel parti tal-*e-mail* ma kien sar xejn iżda l-konvenut kien interessat li jkompli fuq it-tieni parti tal-*e-mail*. Kienet saret laqgħa oħra u mbagħad is-soċjetà attriċi bagħtet lill-konvenut *brand questionnaire* sabiex qabel tibda x-xogħol, tkun tista' tieħu idea ta' dak li kellu f'moħħu l-konvenut. Il-*questionnaire* kien immarkat dokument "MC2 (fol. 28 sa 37). Il-konvenut aċċetta u wieġeb il-*questionnaire* u mbagħad, is-soċjetà attriċi bdiet ix-xogħol immedjatament. Fit-30 ta' Mejju 2018 is-soċjetà attriċi bagħtet *proposal* ibbażat fuq ir-risposti tal-*questionnaire* u saret laqgħa oħra biex dan jiġi diskuss. Dan kien esebit u mmarkat dokument "MC3" (fol. 38). Il-laqgħa saret fit-13 ta' Ġunju 2018 (ara fol. 43). Wara Ġunju 2018, beda jieħu ħsieb kollox Matthew Spiteri, li kien sieħeb tax-xhud fin-negozju u *creative director* fi ħdan is-soċjetà attriċi.

Ix-xhud qal ukoll li kienet inħolqot *website* għall-konvenut bl-isem "black.mt" (ara fol. 47 u 48), liema *website* kellha l-*branding* li ried il-konvenut.

F'dan l-istadju, ix-xhud ġie muri l-*invoice* a fol. 2 tal-proċess u kkonferma li dik hija l-*invoice* ikkontestata f'din il-kawża. Żied jgħid li l-konvenut ma kienx aċċetta l-*invoice* għax qal li kien hemm xi *files* neqsin, iżda dan ma kienx minnu. Qal li kieku s-soċjetà attriċi kellha tagħtih il-*working files* kien ikun qisu *chef* jerħi kontroll tar-riċetta tal-ikel. Qal li fl-industrija, il-*working files* ma kinux jingħataw jekk ma jkunx hemm ħlas *extra* u li l-*working files* kienu l-essenza tax-xogħol li jkun sar. Żied li l-*handing over* tal-*working files* kienet xi ħaġa li qatt ma ġiet diskussa bejn il-kontendenti. Ix-xhud spjega li għalkemm il-konvenut ikkontesta l-parti tal-*invoice* li tirreferi għal *e-mail signatures* permezz ta' *e-mail* mibgħut minnu lis-soċjetà attriċi, f'dak l-*e-mail* huwa uża l-*e-mail signature* maħluqa mis-soċjetà attriċi. Dan kien id-dokument "MC6" (fol. 49 sa 53).

Ix-xhud qal li f'punt minnhom, biex il-kwistjoni ma teskalax bla bżonn, is-soċjetà attriċi saħansitra offriet li l-ammont ta' €250 indikat fl-*invoice* seta' ma jitħallasx iżda l-konvenut baqa' jinsisti li xejn ma kien dovut. Għalhekk, ma kellha ebda alternattiva ħlief li tipproċedi b'din il-kawża.

Fil-kontro-eżami, ix-xhud spjega li qatt ma saret referenza għal xi kumpanija. Qal li s-soċjetà attriċi kienet qed titkellem ma' żewġ persuni li talbu s-servizzi tagħha. Billi kienu tnejn fil-laqgħa, huwa mbagħad bagħat l-*e-mail* lit-tnejn li kienu. Ma kienx jaf taħt liema kumpanija kienu qed jippreżentaw lilhom infushom u ma staqsiex.

Fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2020 xehed **Christopher Cachia**. Huwa qal li flimkien ma' Kristine Bonnici, kellu kumpanija jisimha Room Limited u mbagħad spjega s-servizzi li kienet toffri. Mistoqsi direttament kif is-soċjetà attriċi kienet taf li l-klijent tagħha ma kienx hu personalment iżda Room Limited, ix-xhud, wara li ripetutament iddeskriva min kien jattendi għal ċerti laqgħat u ddeskriva x'kienu spjegaw lis-soċjetà attriċi, għadda sabiex qal li fl-*e-mails,* hu kien dejjem indikat bħala direttur ta' Room Limited.

Imbagħad, ix-xhud spjega x'kien mixtieq mingħand is-soċjetà attriċi u qal li l-isem tad-ditta, "Black", kien maħluq minnu u minn Kristine Bonnici, mhux mis-soċjetà attriċi.

Ix-xhud qal, *inter alia*, li problema ewlenija kienet li meta waslu biex jagħżlu l-ħxuna tal-karta għall-*business cards,* is-soċjetà attriċi, wara li ddisinjat kollox b'lewn iswed, qalet li tabilfors il-*business card* kellu jkollha bordura bajda u kien impossibbli li tkun kollha sewda. Dan ma kienx aċċettabbli għall-konvenut. Nonostante, huwa kkonferma li kien kuntent bid-disinn tal-*logo* u kien għadu jużah sal-preżent. Billi donnu ma kienx possibbli li ssir *business card* kif xtaq il-konvenut, dan kellu bilfors imur għall-*option* l-oħra, li kienet tikkonsisti f'*business cards* tal-metall. Barra minn hekk, qal li meta ġie tterminat l-inkarigu mogħti lis-soċjetà attriċi, kien hemm ftehim li l-konvenut jingħata r-*raw files* iżda rriżulta li dawn ma ħadmux. Pero, mument wara li xehed hekk, qal li r-*raw files* ma kinux hemm u anzi, qatt ma ġew mogħtija lilu mis-soċjetà attriċi u spiċċa kellu jagħmel kollox mill-ġdid.

In kontro-eżami, ix-xhud qal li fil-laqgħa introduttorja, huwa kien semma lil Room Limited meta kellem lil Mario Cachia. Imbagħad, żied jgħid li Room Limited ma kellha ebda *social media presence*.

Fl-istess udjenza xehdet **Kristine Bonnici**. Hija qalet li kemm hi kif ukoll Christopher Cachia kienu jikkomunikaw mas-soċjetà attriċi f'isem Room Limited. Imbagħad, qalet li għalkemm hi u

Christopher Cachia kienu kuntenti jħallsu għad-disinn tal-*logo* għax għoġobhom, eventwalment, meta ġew għall-*business cards*, dak li pproponiet is-soċjetà attriċi, għalkemm idea tajba, kien impossibbli li jsir.

In kontro-eżami, dwar l-ewwel laqgħa introduttorja, ix-xhud qalet li l-kunċett ta' "Black" ma ġiex diskuss. Magħfusa fuq dan il-punt, ix-xhud qalet li jista' jkun li ddiskutew il-kunċett ta' "Black" u li talbu stima pero żiedet li hija kienet taħt l-impressjoni li ddiskutew biss id-ditta marbuta max-xogħol tagħha ta' *interior designer*.

Hija żiedet li għalkemm kienu kuntenti bid-disinn tal-*business cards*, irriżulta eventwalment li s-soċjetà attriċi ma setgħetx timplimenta d-disinn billi mid-dehra kellu bilfors ikun hemm bordura bajda fil-*cards*. Pero kienu kuntenti jaslu għal kompromess u jmorru għal *business cards* tal-metall. Iżda rriżulta li anki dawn tal-metall kienu ser ikunu wisq għaljin. Hija qalet ukoll li l-*logo* li ddisinjat is-soċjetà attriċi kien għadu jintuża fuq is-*social media*.

Fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2021 xehed **Matthew Spiteri**, *creative director* fi ħdan is-soċjetà attriċi. Qal li x-xogħol tiegħu kien jibda hekk kif jirċievi l-kwestjonarju u janalizzah sewwa. Qal li għamel il-proposti tiegħu lil Christopher Cachia u lil Kristine Bonnici u għamel anki *mock-ups*. Il-proġett ġie ppreżentat lilhom anki *in person* u saret għażla. Talbu xi emendi fuq dak li għażlu u kienu kuntenti. Qal li hu kien ipprovda l-*outputs* kollha. *Outputs* kienu pakkett ta' materjal li jinkludi dokument dwar kif għandhom jintużaw il-*logos*, il-*fonts* u l-*logo* stess fuq *backgrounds* differenti u kif seta' jintuża b'modi differenti. Qal li ladarba dan kien ingħata lill-konvenut, l-ewwel parti tal-istima kienet meqjusa li tlestiet, jiġifieri dik il-parti indikata li tiswa €950.00 kif ukoll it-taxxa fuq il-valur miżjud. Wara li tlestiet din il-*brand identity*, bdew jitkellmu dwar il-*business cards*. Dawn u affarijiet oħrajn kienu affarijiet addizzjonali Qal li saħansitra, il-konvenut seta jbiddel il-materjal ipprovdut mis-soċjetà attriċi iżda billi hu (il-konvenut) ma kienx tekniku, kellu jmur għand *service provider* ieħor biex dan jagħmel kwalsiasi tibdiliet li kellhom isiru. Qal ukoll li fi Frar 2019 il-konvenut waqqaf l-inkarigu u l-*brand* maħluqa mis-soċjetà attriċi kienet qed tintuża minnu.

## <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

### *i. <u>L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut</u>*

Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut jgħid li hu ma kienx leġittimu kontradittur stante li ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet. Fir-Risposta, huwa speċifikament semma l-*e-mail* a fol. 8 tal-proċess bħala prova ta' dan.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Frankie Refalo nomine vs. Jason Azzopardi et</u>*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001) intqal hekk:

> "*Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kinitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

> *Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idonea biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*"

Din is-sentenza ġiet ikkwotata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Edgar Urpani pro et noe vs. Continental Meat Co. Ltd*** (deċiża fit-23 ta' Ottubru 2009).

Fis-sentenza ***Focal Maritime Services Company Limited vs. Top Hat Company Limited***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' April 2008, intqal hekk:

> "*In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-kreazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika. Naturalment, l-aċċertament ta' din ir-relazzjoni jrid isir fuq il-bażi tal-petitum u, ċjoe, tar-riużltat persegwit fil-ġudizzju mill-attur bit-talba tiegħu.*"

Għalhekk, għall-fini tal-eċċezzjoni mressqa f'din l-azzjoni, it-Tribunal irid jeżamina jekk hemmx in-ness rikjest sabiex Christopher Cachia jitqies bħala parti materjali fin-negozju. Id-domanda li trid titwieġeb hija jekk din l-azzjoni tistax tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' Christopher Cachia.

It-Tribunal josserva li l-*e-mail* a fol. 8 ma kinitx xi direzzjoni ġenerali lis-soċjetà attriċi sabiex l-*invoices* isiru dejjem lil Room Limited. Il-konvenut qal biss li jekk Matthew Spiteri joħroġ *invoice* fuq Room Limited, kien isir pagament minnufih. F'dan is-sens, it-Tribunal jirreferi anki għall-*e-mail* a fol. 132.

Huwa evidenti li l-istruzzjonijiet lis-soċjetà attriċi ngħataw prinċipalment minn Christopher Cachia. It-Tribunal assolutament ma jemminx li kien hemm xi indikazzjoni ċara, jew imqar ħjiel, li s-soċjetà attriċi kienet qed tittratta ma' Room Limited u mhux mal-konvenut. Għalkemm Kristine Bonnici xehdet li hija u l-konvenut kienu jikkomunikaw mas-soċjetà attriċi f'isem Room Limited, m'hemm ebda prova konkreta ta' dan. M'hemm imkien xi *e-mail* li tgħid ċar u tond li l-inkarigu qiegħed jingħata minn Room Limited.

It-Tribunal iħoss li huwa partikolarment relevanti li jaqra x-xhieda tal-konvenut a fol. 57 *et seq.* tal-proċess. Mistoqsi mill-avukat tiegħu stess kif is-soċjetà attriċi kienet taf li l-klijent kienet

Room Limited u mhux hu personalment, ix-xhud beda biex jiddeskrivi l-laqgħa introduttorja u ma weġibx id-domanda. Magħfus mill-avukat tiegħu stess, li staqsa f'liema kapaċità saret il-laqgħa, ix-xhud qal li kienet fil-kapaċità *qua* Room Limited iżda mbagħad kompla jiddeskrivi xi laqgħat li saru. Tant dan kollu ma kienx konvinċenti li l-avukat tal-konvenut ħass il-bżonn li jerġa' jistaqsi kienx hemm xi mezzi oħrajn kif is-soċjetà attriċi kellha tkun taf li l-klijenta kienet Room Limited u mhux hu.

Inoltre, jekk il-konvenut kien daqshekk konvint li Room Limited kienet il-leġittimu kontradittur, messu talab li dik is-soċjetà tkun imsejħa fil-kawża.

Il-konvenut argumenta li fil-laqgħa introduttorja, huwa spjega li l-kunċett "Black" kien ser isir taħt l-awspiċi ta' Room Limited. Iżda hawn, si tratta tal-kwistjoni ta' leġittimu kontradittur u fuq min kellhom joħorġu l-*invoices*, mhux biżżejjed li l-konvenut jispjega l-kunċett "Black" lis-soċjetà attriċi. Hemm baħar jaqsam bejn spjegazzjonijiet fuq livell purament kunċettwali jew artistiku u struzzjoni ċara dwar lil min kellhom jiġu indirizzati l-*invoices*. Waħda hija kwistjoni kunċettwali jew artistika filwaqt li l-oħra hija kwistjoni prattika u konkreta. It-Tribunal għalhekk itenni li ma jistax isib xi punt partikolari fejn ġie ppruvat li Christopher Cachia qal ċar u tond tramite *e-mail* jew ittra li l-*invoices* kellhom dejjem jinħarġu f'isem Room Limited. It-Tribunal lanqas ma jaraha tagħmel sens li donnu l-konvenut jippretendi li d-diriġenti tas-soċjetà attriċi kellhom b'xi mod jiddeżumu dan mill-ispjegazzjonijiet dwar il-kunċett "Black".

Għaldaqstant, it-Tribunal jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

### ***ii.*** ***<u>It-tieni eċċezzjoni tal-konvenut</u>***

Fit-tieni eċċezzjoni, il-konvenut qal li l-ammont mitlub ma kienx dovut għax l-inkarigu ġie tterminat qabel tlesta x-xogħol.

Huwa ċar li l-inkarigu ngħata lis-soċjetà attriċi xi darba f'Marzu 2018 u ġie uffiċjalment mitmum permezz ta' e-mail datat 10 ta' Frar 2019.

Mill-atti, jirriżulta li m'hemmx dubju li s-soċjetà attriċi ħolqot *brand identity* għad-ditta "Black", kif mitlub, u li x-xogħol li sar mis-soċjetà attriċi għadu jintuża mill-konvenut, kif xehdet Kristine Bonnici (fol. 180). Huwa inkontradett li l-konvenut kien qiegħed juża *e-mail signature* iddisinjata mis-soċjetà attriċi u jidher ukoll li kien hemm *website* tad-ditta "Black" li kellha fiha materjal li kien iddisinjat mis-soċjetà attriċi.

Jidher li l-kunċett ta' *brand identity* jinkludi d-disinn li eventwalment, id-ditta ser tkun identifikata permezz tiegħu. Id-disinn u l-iżvilupp tal-*brand identity* kien evidentement jogħġob lill-konvenut, anki jekk dan esiġa xi emendi. L-*e-mail* a fol. 53, li huwa datat 16 ta' Marzu 2019 u mibgħut mill-konvenut lid-diriġenti tas-soċjetà attriċi, jgħid ċar li "*The Corporate Identity for Black was created…*". Saħansitra fl-*e-mail* li bih ġie tterminat l-inkarigu (fol. 135), il-konvenut qal li d-disinn kien tajjeb iżda l-implimentazzjoni kienet batuta.

M'hemm xejn li jikkonvinċi lit-Tribunal li l-*brand identity* tad-ditta "Black" ma kinitx debitament iddisinjata u żviluppata.

Jidher ċar li s-sors ewlieni tad-diżgwid kien il-*business cards*. Fi ftit kliem, kien hemm diffikultà fis-sens li fuq il-karta, il-*cards* kien se jkollhom bordura bajda u dan ma kienx aċċettabbli għall-konvenut. Eventwalment, sar suġġeriment li jsiru *business cards* tal-metall. Kristine Bonnici qalet li għalkemm din ma kinitx l-idea favorita, ma ddejqux jagħmlu kompromess u jaċċettaw *business cards* tal-metall. Ġara iżda li dawn kienu se jiġu għaljin wisq tant li l-konvenut kien ser ikollu ripensament. Dan joħroġ ċar minn *e-mail* tal-konvenut li jinsab a fol. 134.

Punt importanti li tqajjem kien jirrigwarda l-*handing over* wara t-terminazzjoni tal-inkarigu. Għalkemm it-Tribunal huwa nieqes mill-għarfien speċjalizzat f'dan il-qasam, jidher mix-xhieda ta' Matthew Spiteri li fil-fatt, ingħataw il-*files* kollha neċessarji sabiex il-konvenut ikun jista' jmur għand professjonist ieħor fil-qasam sabiex dan jibda jaħdimlu. Il-fatt li ċerti affarijiet kienu *downloadable* fuq il-kompjuter tal-konvenut iżda ma setax jiftaħhom ma jfissirx li dawn ma ngħatawx lill-konvenut. Seta' faċilment kien il-każ, pereżempju, li l-konvenut ma kellux is-*software* addattat biex jiftaħ il-*files* relattivi.

Għalhekk, it-Tribunal lanqas huwa konvint li ma sarx *handover* tajjeb.

It-Tribunal huwa tal-fehma li s-soċjetà attriċi rnexxielha tikkompleta l-inkarigu mogħti lilha stante li kif jidher mill-*invoice* a fol. 2, anki l-inkarigu relattivament għall-*business cards* kien inkarigu ta' disinn u mhux ta' produzzjoni. Madankollu, huwa ċar ukoll li huwa nuqqas tas-soċjetà attriċi li donnha wiegħdet li l-*business cards* setgħu jsiru kompletament suwed iżda fi stadju ta' implimentazzjoni jew esekuzzjoni ħareġ li dawn il-*cards* kien ser ikollhom bordura bajda.

Għalhekk, it-Tribunal sejjer jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi limitatament kif ser ikun deskritt aħjar fid-deċide.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti kollha, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi limitatament fl-ammont ta' *subtotal* (skont l-*invoice* a fol. 2) ta' elf u ħamsin Ewro (€1,050) b'mod li t-taxxa fuq il-valur miżjud jiġi kkalkulat fuq dak l-ammont (minflok fuq l-ammont oriġinali ta' elf u mitejn Ewro [€1,200]) u b'hekk jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' elf u ħamsin Ewro (€1,050) debitament miżjud bit-taxxa fuq il-valur miżjud.

It-Tribunal jordna li l-interessi għandhom jiddekorru mid-data tal-ħruġ tal-fattura relattiva, jiġifieri mill-25 ta' Frar 2019, b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, b'dan illi ebda mgħax m'għandu jiddekorri fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**